MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 619/2000/1

**Avviz Nru:- 619/00**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Rueben Cini**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ seba’ mija u tmienja u sebghin liri Maltin u tmien centezmi (Lm778.08c) bilanc ghad-debitu fil-‘loan account’ tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t’April 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta’ Lulju 1999 (Dok. B) u tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid li

gewipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-P.L. Joseph Zammit prodottt mill-bank attrici u wara li rat ukoll id-dokumenti esebiti, u wara li rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni pprezentata llum stess;

Qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-bank attur il-bilanc dovut ta' hames mija u hamsa u sittin lira maltin u sebgha u hamsin centezmi (Lm565.57c).

Bl-imghax legali b'effett mill-1 ta' Ottubru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------